Quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
- 1 OCT 2019
FLORIANA

Francis Galea
(Detentur tal-Karta tal-Identita' Numru: 1065M)

-vs-

L-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi

Rikors t'Appell ta' Francis Galea (Detentur tal-Karta tal-Identita' Nru: 1065M)

Jesponi bir-rispett:

ILLI l-appellant huwa sid kif ukoll jopera b'liċenzja, pompa tal-petrol bl-isem "Francis Service Station" li tinsab fi Triq Ħaż-Żabbar, Fgura;

ILLI l-appellant ġie notifikat b'ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' (*Stop and Compliance Order)* Ref. OWK 0063/19 maħruġ a tenur tal-Artikoli 74, 76, 77 u 78 tal-Att Nru: 1 tal-2016 fis-17 ta' Settembru, 2019, u dan dwar allegat ksur tar-regolamenti ambjentali hekk kif hemm indikat fl-imsemmi Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' (kopja hawn annessa u mmarkata FG 1);

ILLI l-appellant jispjega li huwa ssottometta talba għat-tiġdid tal-permess fis-6 ta' Ġunju, 2019 flimkien ma' numru ta' dokumenti rikjesti mill-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi sabiex jiġġedded il-permess relattiv tramite l-Eng. Victor Bonello minnu mqabbad professjonalment, inkluż bl-asistenza ta' esperti barranin dwar emissjonijiet li ukoll ressaq għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' appellata;

ILLI noncio' li l-appellant mexa mal-*protocol* minnu mistennija mill-Awtorita' appellata, kien issottometta dak kollu minnu mitlub b'email datata 12 ta' Awissu 2019 l-Awtorita' appellata ikkonfermat li *"the permit will now be processed for renewal"* iżda verbalment, ġie nfurmat li jrid jistenna sa Novembru li ġej biex jkun imġedded il-permess stante li jeżisti xogħol b'lura;

ILLI l-appellant jemmen li huwa m'għandhux ibati minħabba nuqqas amministrattiv da parti tal-Awtorita' appellata, liema nuqqas amministrattiv ġabu fl-impossibilita' li jopera b'liċenzja kif huwa dejjem għamel fis-snin preċedenti;

ILLI fiċ-ċirkostanzi prevalenti l-appellant spiċċa intortament 'vittma' tad-driegħ amministrattiv tal-Awtorita' appellata u fl-istess ħin, spiċċa ukoll intortament 'vittma' tad-driegħ tal-infurzar tal-istess Awtorita' appellata;

ILLI fl-opinjoni tal-appellant, kieku seħħet sempliciment verifikazzjoni dwar l-ipproċessar tad-tiġdid tal-permess *de quo* bejn d-driegħ tal-infurzar u d-driegħ amministrattiv tal-

imsemmija Awtorita' appellata, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa tat-ħruġ tal-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' *de quo*.

GĦALDAQSTANT, in vista tal-premess, l-appellant umilment jitlob lil din it-Tribunal sabiex:

(a) jordna r-revoka immedjata tal-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' maħruġ fil-konfront tiegħu mill-Awtorita' appellata kif ukoll;

(b) jordna r-revoka immedjata ta' kwalsiasi multa kif indikat fl-imsemmi Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita', sia dik amministrattiva u sia dawk sussegwenti għal kull ġurnata li l-illegalita' tibqa' tiddekorri sakemm tkun regoralizzata l-possizzjoni; oltre

(c) jordna r-revoka immedjata ta' kwalunkwe multa oħra jew ammont ieħor li l-Awtorita' appellata tista' titlob lill-appellant.

Bl-ispejjeż

Av. Michael Tanti-Dougall
Advocates, Tanti-Dougall & Associates
127, St Joseph Street
Tarxien.

**Lista ta' Xhieda**

1. L-Appellant Francis Galea sabiex jixhed dwar l-applikazzjoni li saret mal-ERA biex tiġġedded il-liċenzja;
2. L-Eng. Victor Bonello sabiex jixhed dwar l-applikazzjoni u d-dokumenti li ġew sottomessi mill-ERA biex jiġġedded il-permess;
3. Mario Schembri, Daniela Spiteri, Aimee Brincat mill-ERA sabiex jixhdu dwar il-laqgħa li nżammet l-Erbgħa 19 ta' Ġunju, 2019 fl-ERA Boardroom kif ukoll kull uffiċċjal ieħor tal-ERA sabiex jixhed dwar l-applikazzjoni u d-dokumenti għat-tiġdid tal-permess *de quo*.

Av. Michael Tanti-Dougall
Advocates, Tanti-Dougall & Associates
127, St Joseph Street
Tarxien

**Appellant:** 'Francis Petrol Station', Triq Ħaż-Żabbar, Fgura.

**Appellata:** L-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi, Hexagon House, Spencer Hill, Marsa.